MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1926/2005

**DHL International Ltd C 6576**

**Vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu l-attur (kellha tkun socjeta` attrici!!) stqarret illi kienet ipprestat servizzi ta' garr internazzjonali fuq struzzjonijiet tal-konvenut (kellha tkun socjeta` konvenuta!!)[1] liema servizz nghata u baqa' ammont dovut ta' seba mija hamsa u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm785.68) li ghadu ma thallasx, anke jekk il-konvenut kien interpellat biex ihallas u baqa inadempjenti.

[1] Zbalji dawn li jibqghu jigu ripetuti tul l-Avviz kollu

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lill dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta’ seba` mija hamsa u tmenin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm785.68) bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta illi permezz taghha gie ecceppit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-azzjoni kwantu diretta lejn il-konvenut nomine hija llum preskritta billi l-invoices relattivi jirreferu ghall-allegati talbiet ta’ hlas ghas-snin 1998, 2000, 2001, u 2002 u dan a tenur tal-Artikoli 2147 u 2148 tal-Kodici Civili.

Ra illi fis-seduta tal-14 ta’ frar 2006 il-kawza thalliet ghall-provi dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni;

Sema` x-xhieda ta’ Anthony Pisani in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Robert Buhagiar in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Ikkunsidra :

Illi Anthony Pisani (socjeta` konvenuta) ighid illi mill-verifiki li ghamel ma jirrizultax illi l-invoices relattivi ghall-kawza odjerna huma dovuti u ighid illi ma jahsibx illi qatt ircieva xi ittra ufficcjali jinterpellaw ghal hlas.

Illi Robert Buhagiar (socjeta` attrici) minn naha tieghu esebixxa numru ta’ invoices relattivi ghat-talba odjerna ammontanti ghal seba’ mija u hamsa u tmenin Liri Maltin u

tmienja u sittin centezmu (Lm785.68) u ighid illi dawn ghadhom ma thallsux.

L-istess xhud ighid ukoll illi saru diversi telefonati ghal dawn il-pagamenti u kienu jkellmu lil certu Audrey jew certu Jeanette li dejjem qalulhom illi kellhom ihallsu. Imbaghad intilef kull kuntatt telefoniku.

Robert Buhagiar jikkonferma illi l-ahhar invoice mhux imhallsa hija datata 31 ta' Mejju 2002. Ighid ukoll illi dejjem kitbu bl-Avukat pero` qatt ma saret ittra ufficjali qabel inbdew l-odjerni proceduri. Ighid ukoll illi qatt ma tkellmu ma' direttur tas-socjeta` konvenuta u pagamenti akkont qatt ma rcevew, mis-sena 2002 sal-llum.

It-Tribunal jinnota illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta indikat l-Artikoli tal-ligi rilevanti, b'dana kollu naqqset milli tindika is-sub-incizi ta' l-Artikoli msemmija.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) kif preseduta mill-Imhallef Dr Philip Sciberras fis-sentenza taghha tal-4 ta' Ottubru 2006 fil-kawza 2012/04JR fl-ismijiet **Advanced Telecommunications Systems Co. Limited vs Anthony Calleja** u jaghmel tieghu din l-istess linja ta' hsieb legali.

*Dan premess, jirrizulta mill-verbal a fol. 25 dan li gej: "……….. ghal konvenut jeccepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16". Koncepita b' dan il-mod ma jidherx li l-preskrizzjoni eccepita tista' tigi akkolta. F'dan il-Qorti ma tistriehx sempliciment fuq l-awtorita` taghha izda ghandha ssostenn tal-ligi u r-riflessjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, fid-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et", 21 ta' Marzu 1977.*

*Anke jekk f' dan il-kaz il-Qorti kienet qed tikkonsidra l-preskrizzjoni moghtija skond Artikolu 2149, il-kunsiderazzjoni hemm akkordata tghodd ugwalment ghall-kaz in specje. A propozitu gie hemmhekk osservat illi "l-eccepita preskrizzjoni biennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku bl-indikazzjoni ta' l-Artikolu*

*2254 (illum Artikolu 2149) tal-Kodici Civili, li f' ben hames incizi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra … Din il-Qorti, b'ligi, ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata" (Artikolu 2216, filprezent Artikolu 2111 tal-Kodici Civili) u m' ghandhiex, ghalhekk, tfittex biex tara hix applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod caru esplicitu minn min jinvokaha (ara Kollez. Vol. XXXIII P I p 481; Vol. XXXIV P I p 410 u Vol. XL P I p 170)";*

*Rigwardata taht dan il-profil, fejn ukoll fl-Artikolu 2148 ghandek ben sitt incizi, din il-Qorti ma tistax hlief tirrigetta l-preskrizzjoni invokata billi, kif formulata, ma tikkorrispondix ghal dak li trid il-ligi u mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tfittex ghal liema wahda mill-azzjonijiet prospettati fil-predett artikolu kien qed jalludi l-appellanti;*

In linea ma' dan il-hsieb kif mpoggi mill-Qorti ta' l-Appell Civili allura, dan it-Tribunal ma jistghax jasal biex jakkorda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta` konvenuta u jrid jasal biex jichad tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata appuntu mis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta` konvenuta, u jiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza li jkunu sopportati mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------